MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1298/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**KONTRA**

**RICHARD SIVE RAKELA SPITERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Richard sive Rakela Spiteri ta' 36 sena, bin missier mhux maghruf u Mary Rose nee' Spiteri, imwieled Pieta, nhar l-20 ta' Frar 1971,, residenti fil- fond numru 94, Triq San Duminku, Valletta, u detentur tal- karta tal- identita' bin-numru 118271 (M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) nhar id- 9 ta' Ottubru 2007, ghal habta tat-8.30pm, filwaqt li kien fi Triq il- Biccerija, Albert Town, il-Marsa u fi bnadi ohra fil- Gzejjer Maltin, ikkommetta serq ta' 'choker' tad- deheb, liema ' choker' tiswa Lm 300, kif ukoll is- somma ta' Lm10 fi flus kkwalifikat ghad- detriment ta' Anthony Camilleri minn Zebbug, liema serq ikkwalifikat bil- valur, bil- hin u bix- xorta ta' haga misruqa u dana bi ksur tal-Artikoli 267, 270 u 271 (g) tal- Kapitolu9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement f' Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u xjentement, b' kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dana bi ksur tal- Artikolu 334 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

3) Akkuzat ukoll talli nhar id-9 ta' Ottubru 2007 ghal habta ta' 8.30pm f'post pubbliku jew f'post esost ghall-pubbliku, tlajja jew ghamel biex ihajjar skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dana bi ksur tal- Artikolu 7 (2) tal- Kapitolu 63 tal- Ligijiet ta' Malta;

4) U aktar talli nhar id-9 ta' Ottubru 2007, filwaqt li kien f'vettura li kienet tinsab ipparkeggata fl- inhawi ta' Triq il- Biccerija Albert Town il- Marsa, offenda il- pudur jew il- morali, b'eghmil li sar f' lok pubbliku, jew f'lok espost ghal pubbliku u dana bi ksur tal- Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

5) U aktar talli sar recidiv ai terminu tal- Artikolu 49 u 50, 289 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill- Qrati differenti , liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

6) Barra minn hekk talli , Richard Spiteri kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill- Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D fil- Qorti tal- Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill- 21 ta' Jannar 2005 u mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.d fil- Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-28 ta' Marzu 2006.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-mertu tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti l-imputazzjonijiet kontra l-imputat gew soddisfacentement ippruvati. Fid-data, lok u hin indikati l-imputat kien qieghed fl-inhawi ta' Albert Town il-Marsa, liebes hwejjeg femminili, meta rikeb fil-vettura ta' certu Anthony Camilleri, presumibbilment biex jaghti servizz sesswali lil dan Camilleri, u seraq gizirana tad-deheb minn fuqu. Camilleri mar fittex min seta kienet din il-persuna, u aktar tard gharafha fl-Ghassa ta' Rahal Gdid bhala l-imputat. Dan hu ikkonfermah ukoll waqt ix-xiehda tieghu fil-Qorti.

L-imputat jipprova jghid li hu ma kienx hemm dak inhar, izda li kien id-dar ma' xi hbieb tieghu, pero' l-provi tieghu f'dan ir-rigward fil-fehma tal-Qorti m'humiex kredibbli bizzejjed. Ghalhekk, l-imputazzjoni ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tlitt mitt Ewro, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa tirrisulta ampjament ippruvata.

It-tieni imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, inghatat bhala alternattiva ghal-ewwel, u ghaldaqstant in vista li l-ewwel

wahda tirrisulta, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

It-tielet imputazzjoni ukoll tirrisulta ppruvata. L-imputat ipprova jistrih fuq alibi li hu dak in-nhar kien qieghed id-dar tieghu ma’ xi hbieb, izda kull ma xehed hu wiehed minnhom li ma kkonvinca xejn lill-Qorti. Il-fatt li l-imputat kien fil-lokalita’ indikata u liebes hwejjeg femminili, kif intqal mix-xhud Anthony Camilleri, ma jista’ jhalli l-ebda dubju f’mohh il-Qorti dwar x’kien qed jaghmel hemm l-imputat.

Ir-raba’ imputazzjoni tirrisulta ukoll, anzi l-Qorti tispera li anke x-xhud Camilleri tressaq fuq tahrika separata biex iwiegeb ghal dan ir-reat. Ix-xhud kien evasiv meta xehed dwar x’kien qed jigri ezatt fil-karozza bejnu u l-imputat, u kif gew mehuda minn fuqu gizirana minn ma’ ghonqu u zewg karti ta’ hames Liri l-wahda mill-but ta’ wara tal-qalziet tieghu. Il-Qorti ma temminx li l-imputat kien qed jaghmel kollox hu u Camilleri baqa’ impassibbli u ma ppartecipa xejn. Anzi, l-Qorti hi tal-fehma li kien Camilleri stess li mar Albert Town biex ifittex ftit tal-azzjoni.

Il-hames imputazzjoni, dik tar-recidiva, kif ukoll is-sitt wahda, li kiser kundizzjoni imposta fuqu b’sentenza precedenti, ukoll gew ippruvati, anke jekk in parte. Dan qed jinghad peress illi, ghal xi raguni, l-prosekuzzjoni ma esebietx is-sentenzi indikati fis-sitt imputazzjoni. Is-sentenza li tghin lill-prosekuzzjoni f’dan ir-rigward hija dik esebita a fol. 86 tal-process, fl-ismijiet “Pul.(Spt. R. Cassar) v. Richard Spiteri”, datata 7 ta’ Frar 2007, u kkonfermata fix-xiehda moghtija mill-Ispettur Raymond Cassar fis-seduta tal-24 ta’ Jannar 2008, a Fol. 105 tal-process. Minn dik is-sentenza rrisulta li l-imputat kien inghata sentenza ta’ prigunerija sospiza fl-2005, u l-perijodu operattiv tas-sospensjoni ta’ dik is-sentenza gie mizjud ghal erba’ snin mis-7 ta’ Frar 2007. Ghalhekk, meta sar dan ir-reat mertu tal-kaz odjern fid-9 ta’ Ottubru 2007, kien hemm sentenza ta’ prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat. Madankollu, il-Qorti m’ghandhiex fl-atti kemm l-imputat kien wehel prigunerija f’dik is-sentenza, u allura, ghalkemm hu hati li wettaq reat waqt il-

perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, din ma tistax tiddahhal fis-sehh minn din il-Qorti, peress illi ma gietx esebita dik is-sentenza tal-2005.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti rat li l-imputat assolutament ma jridx jitghallem mill-hafna zbalji li ha fil-passat, u l-fedina penali hi xhieda ta' dan. Ghalhekk, il-Qorti sejra tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261 (c ) (f) (g), 267, 270, 271 (g), 279 (a), 280 (1), 334, 209, 49, 50, 289 (1), 17, 23, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta u l- Artikolu 7 (2) u 11 tal- Kapitolu 63 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' sentejn (2) prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------